MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2015

Numru 268/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Julian Calleja**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Julian Calleja, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 4584G, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Nhar id-9 ta' Jannar, 2014 ghal-habta ta' 20:12hrs gewa diversi postijiet fir-Rabat, Ghawdex:-
>
> 1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAC748 tal-ghamla Daewoo minghajr ma l-licenzja kienet mahruga mill-Awtorita' Kompetenti jew imgedda ghas-sena kurrenti.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

3. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser Ordni ta' Probation moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex nhar is-16 ta' Marzu, 2013.

4. U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati, Malta u l-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex datati 30.03.2006, 08.11.2006, 21.01.2010, 05.10.2012 u 29.01.2013 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Gunju, 2014, li biha dik il-Qorti fuq ammissjoni tal-imputat, wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, artikoli 7 u 23 tal-Kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u artikoli 49 u 50 tal-Kapitou 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Julian Calleja hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u:

- Filwaqt li b'referenza ghat-tielet (3) imputazzjoni, cioè dik li tirrigwarda ksur ta' Ordni ta' Probation, il-Qorti għażlet li ma titrattax mal-imputat Julian Calleja ghar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' probation fis-16 ta' Marzu, 2013;

- Fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet, a tenur tal-artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat li l-imsemmi Julian Calleja jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tliet (3) snin mid-data tas-sentenza u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunità billi jaghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mal-Ufficju tal-Probation, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess ordni. Dan l-ordni sar wara li l-

Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma joqghodx ghal kundizzjonijiet tal-Ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall kundizzjonijiet ta' l-Ordni msemmi;

Ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Julian Calleja bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness mas-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma dak l-Ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati.

Ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation moghtija b'digriet ta' dakinhar stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jassenja ufficjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Julian Calleja.

Il-Qorti ordnat ukoll sabiex l-ufficjal inkarigat isegwi dik is-sentenza u jinforma lill-Qorti permezz ta' nota fejn ser isir is-servizz fil-komunita'.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import tas-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba' snin mid-data tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnhu pprezentat fis-26 ta' Gunju, 2014, li bih hassu aggravat bil-piena erogata mill-ewwel Qorti u għalhekk intavola l-appell odjern ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kodici Kriminali li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, filwaqt illi tirrevoka il-parti tas-

sentenza koncernanti l-piena li nghatat fil-konfornt tal-appellant u minflok tinfliggi piena skont il-ligi relevanti kif ukoll adegwata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**4.** Rat l-atti tal-kawża u l-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, rat il-fedina penali aggornata tal-appellat li giet esibita mill-prosekuzzjoni u li nġiebet a konjizzjoni tad-difiża, semgħet lill-Probation Officer Joanna Farrugia, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti fil-qosor in kwantu relevanti ghall-finijiet ta‘ dan l-appell huma s-segwenti:

L-appellat Julian Calleja tressaq imputat kif ġia indikat u fl-ewwel seduta tal-11 ta' Marzu 2014 huwa ammetta l-imputazzjonijiet kollha kontrih wara li l-prosekuzzjoni ressqet xi provi. Iċ-ċirkostanzi tar-reati li tagħhom l-imputat ammetta l-ħtija kienu li fid-9 ta' Jannar 2014 l-imputat li kien isuq il-vettura JAC 748 ġie mwaqqaf mill-pulizija fir-Rabat Għawdex li kellha l-liċenzja tat-triq skaduta u li l-polza tal-assigurazzjoni ma kienetx mġedda għas-sena 2014. L-għada pproduċa liċenzja tat-triq mħallsa u polza ta' assigurazzjoni mħallsa sa Ottubru 2014.

**6.** Rat illi l-aggravju ewlieni tal-appellant jirrigwarda l-piena peress li jsostni li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti fil-konfornt tal-appellat ma hijiex dik kif preskritta fil-ligi, u dan għar-raġunijiet segwenti:

1. l-ewwel Qorti ma ordnatx l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan hekk kif jirrikjedi b'mod tassattiv l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. l-ewwel Qorti ma setghet qatt "tghazel li ma titrattax mal-appellat ghar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' probation fis-16 ta' Marzu,

2013" u dana in vista ta' dak illi jiddisponi l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u anke fid-dawl tal-kazistika ta'  din il-Qorti fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-istess artikolu;

3. fid-dawl ta' dak li jiddisponi is-subartikolu 3(2B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-ewwel Qorti legalment ma setghetx tqieghed lill-appellat taht ordni ta' probation u servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tliet (3) snin u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita'.

4. il-piena erogata mill-ewwel Qorti mhijiex idoneja ghac-crikostanzi tal-kaz odjern partikolarment konsiderando l-antecedenti tal-appellat.

**Ikkunsidrat,**

**7.** L-appellant għandu raġun fejn jgħid li tenut kont tal-fatt li l-appellat instab ħati tar-reat li saq vettura mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 l-ewwel Qorti kienet obbligata li tiskwalifika lill-appellat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jiġi misjub ħati. L-ewwel Qorti kienet obbligata tordna din l-iskwalifka tassativa għaliex ma rravviżat ebda raġunijiet speċjali sabiex tordna mod ieħor u verament din il-Qorti ma tarax li kien hemm xi tali raġunijiet speċjali u anzi tara li, in vista tal-preċedenti tal-appellat dwar reati tal-istess xorta, kien hemm ir-raġunijet kollha sabiex il-Qorti tordna l-iskwalifika kif prevista mil-liġi. F'dan ir-rigward jiġi rilevat li, kif ser jingħad ukoll aktar tard meta jiġi kunsidrat ilment ieħor tal-appellant dwar l-istess kwistjoni, l-ewwel Qorti ma setgħetx, għat-tenur tal-artikolu 25(2) tal-Kap. 446, twarrab fil-ġenb id-dikjarazzjoni ta' ħtija għall-fini ta' l-iskwalifika msemmija u dan għaliex l-istess dispożizzjoni, u addirittura l-Kap 446 innifsu, ma huwiex applikabbli fil-każ ta' xi reat kontra d-dispożizzjonijiet

tal-artikolu 3 tal-Kap. 104. Din il-Qorti għalhekk ser tordna hi l-iskwalifika relevanti.

**8.** L-appellant għandu wkoll raġun fejn isostni li l-ewwel Qorti ma setgħetx "tagħżel" li ma tittrattax ma' l-imputat għar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' probation fis-16 ta' Marzu 2013. L-artikolu 23 tal-Kap. 446, bil-kelma "tista" użata fl-istess artikolu, ma tagħtix xi ghażla jew diskrezzjoni lill-Qorti tittrattax jew le lill-persuna konċernata għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni ta' probation iżda l-kelma "tista'" hi intiża sabiex tvesti lill-Qorti b'setgħa, b'*vires* li altrimenti ma kienx ikollha fiċ-ċirkostanzi. Din il-Qorti għalhekk taqbel perfettament mal-insenjament tas-sentenzi indikati mill-appellant Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu[1] u għalhekk din il-Qorti ser tagħti l-provvediment opportun aktar tard f'din is-sentenza.

**9.** L-Avukat Ġenerali evidentement għandu raġun ukoll fejn isostni li l-ewwel Qorti ma setgħetx għall-ħtija tar-reat bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap. 104 tapplika xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 446 in vista ta' dak preskritt fl-artikolu 3(2B) tal-Kap. 104 li espressamet u kjarament jiddisponi li id-disposizzjonjiet tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Att dwar il-Probation ma japplikawx fil-każ ta' xi reat kontra d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 msemmi u għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex timponi fuq l-imputat appellat piena li tkun konformi ma dak preskritt mill-Kap. 104 imsemmi.

**10.** Finalment l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-piena erogata mill-ewwel Qorti mhijiex idoneja għaċ-ċiikostanzi tal-każ speċjalment meta jittieħed qies tal-antecedenti tal-appellant.

[1] Ara App. Kr. Pulizija v Andrew Buhagiar, 16/6/1999; App. Kr. Pulizija v Raymond Callus, 10/10/2001; P v Duranovic Coreschi, 14/9/2011

**11.** Tassew meta jiġi kunsidrat li jirriżulta li l-imputat appellat diversi drabi nstab ħati ta' reati ta' sewqan bla liċenzja u mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni, sewqan perikoluż, diversi reati ta' serq aggravat, ħsara volontarja, riċettazzjoni, pussess ta' arma tan-nar, ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, id-drabi li l-Qorti tatu l-benefiċċju tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation, Cap. 446, huwa ċar li l-appellat xejn ma jagħti affidament li tal-anqas għandu minimu ta' rieda tajba li jikkonforma ruħu mal-liġi u anzi wera spavalderia mill-akbar f'dan ir-rigward speċjalment lejn l-obbligi tiegħu bħala sewwieq li jimportaw ukoll obbligi lejn il-persuni fit-triq. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti xejn ma hi konvinta li l-imputat appellat kien kandidat xieraq biex jibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 446 kieku dan kien applikabbli ghar-reati li tagħhom instab ħati, li ma kienx.

**12.** Irriżulta li din hija t-tielet darba li l-imputat appellat nstab ħati tar-reat ta' sewqan mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni[2]. Dan ifisser li skont l-artikolu 4(1)(ċ) l-piena għall-istess reat li tiegħu nstab ħati l-appellat hija dik ta' multa ta' mhux anqas minn €5,823.43 iżda ta' mhux iżjed minn €6,988.12 jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sena, jew il-multa u l-priġunerija flimkien.

**13.** Il-Qorti tagħmilha ċara li fiċ-ċirkostanzi tal-każ din il-Qorti kienet f'dan il-każ timponi piena ta' priġunerija effettiva li kieku ma kienx għall-kunsiderazzjonijiet segwenti, għaliex l-imputat appellat ma jistax jibqa' jippretendi li jiġi trattat b'mod indulġenti mill-qorti meta huwa ripetutament wera li dik l-induġenza ma japprezzahiex u anzi b'għemilu wera li jiddisprezzha.

**14.** Bdanakollu, din il-Qorti hi llum rinfaċċjata b'sitwazzjoni fejn l-imputat ġia skonta mitt siegħa ta' servizz fil-komunitá peress illi skont il-liġi l-appell

[2] Ara sentenzi fol. 14 u fol. 16

tal-Avukat Ġenerali ma jissospendix l-esekuzzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti li effettivament, limitatament għar-rigward tal-ordni ta' servizz fil-komunitá, ġiet ġiá esgwita. Bħala konsegwenza ta' dan kollu din il-Qorti hi tal-fehma li ma hix aktar f'pożizzjoni li tista' tħassar dik il-parti tal-ordni ta' probation u ta' servizz li titratta s-servizz fil-komunitá iżda ser tieħu in kunsiderazzjoni l-fatt li l-imputat appellat ta dak is-servizz lill-komunitá meta tiġi sabiex tistabilixxi l-piena skont il-liġi għall-ħtija tiegħu.

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn ordnat li l-imputat appellat Julian Calleja jitqiegħed taħt ordni ta' probation u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' ħamest elef, tmien mija tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€5,823.43) u tiskwalifikah milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mil-lum.

Finalment tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti sabiex tittratta ma' l-imputat skont il-liġi għar-reati li dwarhom kien sar l-ordni ta' probation fis-16 ta' Marzu 2013.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------